# MUHAMMAD[sa] DAK LI LLIBERA 'L-MARA




AHMADIYYA MUSLIM JAMAAT MALTA

# MUHAMMAD[sa]
## DAK LI LLIBERA 'L-MARA

Ħażrat Mirża Bashir-ud-Din Maħmood Aħmad
It-Tieni Suċċessur tal-Messija Mwiegħed

**Muhammad the Liberator of Women**

Written & First Published in 1928
(Anwarul 'Ulum Vol.10 pp. 231-241)

By Hazrat Mirza Bashir-ud-Din Mahmood Ahmad,
Khalifatul Masih II, 1889-1965

© Islam International Publications Ltd.

Published by
Ahmadiyya Muslim Jamaat Malta
In Maltese Language in 2013
Translated and Checked by:
Laiq Ahmed Atif & K. Coleiro

**Mob:** +356-79320139 • **Tel:** +356-27342401
**Tel:** +356-21322105 • **Fax:** +356-27322105
**Email:** amjmalta@gmail.com

**www.ahmadija.org.mt**
**www.ahmadiyyamalta.org**

# F'ISEM ALLA, KOLLU ĦNIENA, IL-ĦANIN.

I

L-aspetti varji tal-ħajja tal-Qaddis Profeta Muħammad (il-paċi u l-barkiet ta' Alla jkunu fuqu) huma kollha tant ammirevoli, li fejn tidħol l-għażla, kittieb fuq dan is-suġġett żgur li se jħossu konfuż, u s-selezzjoni ssir kważi impossibbli. Meta wieħed iqis il-bżonnijiet tal-ġurnata tal-lum, madanakollu, nixtieq nieħu aspett mill-ħajja tal-Qaddis Profeta li turi l-mod ta' kif huwa llibera lid-dinja minn dik l-għamla ta' skjavitù li kienet minn dejjem is-saħta tal-umanità. Qed nirreferi għall-jasar (skjavitù) tan-nisa.

Qabel il-miġja tal-Qaddis Profeta (il-paċi u l-barkiet ta' Alla jkunu fuqu), in-nisa fil-pajjiżi kollha kienu meqjusa bħala lsiera jew parti mill-propjetà, u l-iskjavitù tagħhom kienet taffettwa b'mod negattiv anki lill-irġiel; il-għaliex ulied l-ilsiera ma jistgħux jinkorporaw l-ispirtu tal-libertà.

M'hemm l-ebda dubju li l-mara, jew minħabba sbuħitha jew minħabba l-karattru eċċezzjonali li tħaddan, minn dejjem kienet kapaċi, f'każijiet individwali, li tiddomina fuq l-irġiel, imma dan it-tip ta' ħelsien ma jistax jitqies bħala libertà vera, sħiħa, minħabba r-raġuni sempliċi li din il-libertà ma kinitx tagħha bi dritt. Din kienet biss eċċezzjoni għar-regola ġenerali, u għaldaqstant, il-libertà maħnuqa ma tistax twassal biex tinbena kultura ta' aspirazzjonijiet ġenwini.

Il-miġja tal-Qaddis Profeta (il-paċi u l-barkiet ta' Alla jkunu fuqu) seħħet madwar 1,350 sena ilu. Qabel żmienu, l-ebda reliġjon jew nazzjon ma kien jippermetti lill-mara li jkollha l-libertà bħala dritt uniku

tagħha. Naturalment f'dawk il-pajjiżi fejn ma kien hemm l-ebda regoli, il-mara kienet ħielsa minn kull tjassir. Madanakollu lanqas dan it-tip ta' ħelsien ma jista' jitqies bħala ħelsien assolut. Aktar jitqies bħala forma ta' liċenzja. Il-libertà assoluta hija dik li tinħasad minn stat ta' ċivilizzazzjoni u konformità mal-liġi. Dik il-libertà li nħossu meta niksru l-liġijiet mhi libertà xejn għaliex din mhijiex libertà li se ssaħħaħ il-karattru ta' dak li jkun.

# II

Fi żmien il-Qaddis Profeta (il-paċi u l-barkiet ta' Alla jkunu fuqu) u qablu, il-mara kienet tqiegħdet f'pożizzjoni li hija ma setgħetx tkun il-kmand tal-propjetà tagħha; żewġha kien meqjus bħala l-uniku sid ta' ħwejjiġha kollha. Lanqas ma kellha sehem fil-propjetà ta' missierha. Lanqas ma setgħet tiret il-propjetà ta' żewġha, għalkemm f'ċerti ċirkostanzi kellha l-jedd li tamministra l-affarijiet waqt li żewġha jkun għadu ħaj. Meta tkun miżżewġa, hija kienet titqies bħala parti mill-għamara ta' żewġha għal dejjem, u fl-ebda ċirkostanza ma setgħet tissepara minn miegħu; min-naħa l-oħra r-raġel kellu d-dritt li jiddivorzja minn magħha filwaqt li hija ma kellha l-ebda dritt li tinħall minn miegħu, anki jekk tkun qed issofri ħafna.

Fil-każ li r-raġel jabbandunaha, jieqaf milli jħares l-obbligazzjonijiet tiegħu lejha, jew jaħarbilha, ma kien hemm l-ebda liġi li toffrilha protezzjoni. Hi, min-naħa tagħha, kien ikollha taċċetta r-realtà kif inhi, u tibda taħdem biex tmantni lilha nnifisha u lil uliedha. Ir-raġel kellu l-jedd ukoll, meta jitilgħulu, li jsawwat lil martu; u hi jkollha tirrassenja ruħha għal dan. F'xi pajjiżi, meta kien jiġi nieqes ir-raġel, il-mara kienet issir il-propjetà ta' niesu, li mbagħad setgħu jżewġuha lil min iridu huma, jew bħala att ta' karità jew

b'tibdil ma' xi benefiċċji li jkunu rċevew. Min-naħa l-oħra, f'postijiet oħrajn, kienet taqa' taħt ir-responsabiltà tar-raġel biss. Xi rġiel kienu wkoll ibigħu lin-nisa tagħhom jew jitilfuhom fil-logħob u fl-imħatri, u dan setgħu jagħmluh għax xorta kien jitqies bħala d-dritt tagħhom.

L-ebda mara ma kellha d-dritt fuq uliedha la fil-pożizzjoni tagħha fejn kienet tiddependi mir-raġel, u lanqas meta kien hemm ċerta indipendenza minnu. Ma kellha l-ebda privileġġ fit-tmexxija tad-dar. Ma kellha l-ebda pożizzjoni lanqas fir-reliġjon. Mill-benedizzjonijiet spiritwali mwiegħda, hija ma kellha l-ebda sehem.

B'riżultat ta' dan, l-irġiel kienu jberbqu kulma kellhom in-nisa tagħhom u wara jitilquhom mingħajr ma jipprovdu xejn għall-għajxien tagħhom. Il-mara ma setgħetx, lanqas mill-propjetà tagħha, tagħti karità jew tgħin lil qrabatha mingħajr il-kunsens ta' żewġha, u r-raġel li kien iħares b'regħba lejn ħwejjeġ martu żgur li ma kienx se jippermettilha li tagħmel dan.

Il-mara kienet imċaħħda wkoll minn kull sehem tal-propjetà tal-ġenituri tagħha minkejja r-rabta profonda msejsa fuq l-imħabba li ġeneralment ikun hemm bejniethom. Sadattant il-bniet għandu jkollhom id-dritt għal dan is-sehem daqskemm għandhom is-subien. Dawk il-ġenituri, li b'sens ta' ġustizzja, tul ħajjithom, kienu jagħtu parti minn ġidhom lil uliedhom bniet, kienu jistiednu ħafna inkwiet fil-familji tagħhom. L-ulied subien ma kinux iqisu li wara l-mewt tal-ġenituri kienu jkunu huma li jirtu l-ġid kollu (u għalhekk ma kellhomx għaliex jgħiru għal ħuthom bniet li jkunu rċevew xi rigali minn żmien għal ieħor mingħand il-ġenituri tagħhom); kulma kienu jqisu kien li ħuthom il-bniet f'ċertu żmien kienu qalgħu xi ħaġa aktar minnhom.

Bl-istess mod il-mara kienet totalment imċaħħda mill-ġid ta' żewġha, l-aktar persuna li magħha kellha relazzjoni ta'

intimità sħiħa. Qraba mbiegħda tar-raġel kellhom id-dritt għas-sehem tagħhom, iżda mhux il-mara – il-persuna li fil-verità kellha l-fiduċja tiegħu, il-persuna li tkun għexet miegħu għal ħafna żmien, u l-persuna li bil-ħidma u l-imħabba tagħha min jaf kemm tkun ikkontribwiet għall-introjtu tiegħu. Min-naħa l-oħra, lanqas meta hija kienet tamministra l-propjetà kollha ta' żewġha ma kien ikollha l-ebda dritt leġittimu fuq partijiet minnha. Filwaqt li setgħet tonfoq mill-flus li kienet tiġġenera dik il-propjetà, hi ma kellha l-ebda dritt li tbigħ parti minnha. Għaldaqstant, f'atti ta' karità, hija ma kellhiex il-permess li tikkontribwixxi bil-mod li xtaqet hi.

Meta r-raġel kien jaħqar lil martu, din ma setgħetx titilqu. F'dawk il-komunitajiet fejn is-separazzjoni kienet possibbli, din kienet isseħħ taħt ċerti kundizzjonijiet li kienet iġġiegħel nisa li jirrispettaw lilhom infushom jispiċċaw li jippreferu l-mewt milli s-separazzjoni. Pereżempju, waħda mill-kundizzjonijiet kienet li trid tinġieb evidenza li turi l-imġiba ħażina taż-żewġ partijiet, inkluż il-moħqrija min-naħa tar-raġel. Agħar minn hekk, f'dawk il-każijiet fejn kien impossibbli għall-mara li tgħix mar-raġel, minflok separazzjoni totali kienet titħalla biss li tgħix għal rasha, stat ta' għajxien li fih innifsu kien għamla oħra ta' tortura, għaliex b'dal-mod kienet sfurzata li tgħix ħajja vojta mingħajr għan ta' xejn.

F'ċerti każijiet kien jiġri li waqt li r-raġel seta' jiddivorzja lil martu meta jfettillu, il-mara bl-ebda mod ma setgħet tagħmel dan. Jekk ir-raġel jabbandunaha, jew jitlaq mill-pajjiż mingħajr ma jħalli l-ebda provediment lil martu, hija kien ikollha tqatta' ħajjitha mingħajr l-ebda dritt li tiddedika lilha nnifisha għall-ġid ta' pajjiżha jew il-komunità tagħha. Il-ħajja miżżewġa, minflok ħajja ta' kuntentizza, kienet tinbidel f'ħajja ta' miżerja. L-obbligazzjoni li kellha, barra li terfa' r-responsabiltajiet tar-raġel u tagħha, kienet li sservi lir-raġel. Id-dmir tar-raġel, bażikament li jaqla' l-ħobża

ta' kuljum għall-familja, kien isir tagħha wkoll bħalma kien dmirha li tieħu ħsieb u trabbi t-tfal – uġigħ ta' ras minn naħa u responsabiltajiet materjali min-naħa l-oħra.

Dan kollu, fil-qosor, kien jiġġarrab minn din il-kreatura miskina li ma kellha protezzjoni ta' xejn. In-nisa kienu jiġu msawta u jitqiesu biss bħala l-propjetà ta' żwieġhom. Meta kienu jmutu l-irġiel, in-nisa tagħhom kienu jiġu mġiegħla jiżżewġu lil qrabat żwieġhom, jew inkella jinbiegħu għall-flus. Fil-fatt ġieli kienu jkunu l-irġiel infushom li jbigħu lin-nisa tagħhom. Prinċpijiet Indjani bħall-Panawas kienu jitilfu lil marthom (u mhux waħda kien ikollhom) fil-logħob, filwaqt li prinċipessi nobbli bħad-Dropadi lanqas biss setgħu jlissnu leħinhom għaliex kienu jeħduha kontra l-liġi tal-pajjiż.

Fl-edukazzjoni u fit-trobbija tat-tfal, l-ommijiet ma kinux ikkonsultati u ma kellhom l-ebda drittijiet fuq uliedhom. Jekk il-missier u l-omm jinfirdu, it-tfal kienu jingħataw awtomatikament lill-missier. Il-mara ma kellhiex vuċi lanqas fit-tmexxija tad-dar. Meta r-raġel ifettillu, seta' jkeċċiha mid-dar, u din kienet ikkundannata li tiġġerra barra bla ħarsien ta' xejn.

# III

Bil-miġja tal-Qaddis Profeta (il-paċi u l-barkiet ta' Alla jkunu fuqu), dawn l-inġustizzji kollha tneħħew pjuttost f'qasir żmien. Huwa ddikjara li Alla kien, b'mod partikolari, feda f'idejh l-inkarigu li jibda jħares id-drittijiet tan-nisa.

Huwa stqarr f'isem Alla li r-raġel u l-mara, minħabba l-istess umanità tagħhom, kienu ugwali għal xulxin, u għalhekk meta kienu jgħixu flimkien, bħalma r-raġel kellu ċerti drittijiet fuq il-mara, hekk ukoll il-mara kellha ċerti jeddijiet fuq ir-raġel. In-nisa

kellhom id-dritt li jkollhom il-propjetà daqs l-irġiel. Raġel ma kellu l-ebda dritt għall-użu tal-propjetà ta' martu, ħlief jekk il-mara, bir-rieda libera tagħha, kienet tagħtih permess għal dan. Li jikseb il-propjetà tagħha bil-forza, jew b'tali manjiera li kienet titfa' dubju jekk il-mistħija naturali tagħha kinitx ta' ostaklu għaċ-ċaħda tagħha, kien definittivament ħażin. Dak li r-raġel kien jagħti minn qalbu lil martu kien isir il-propjetà tagħha u għalhekk ir-raġel ma kellu l-ebda dritt li jieħu kollox lura. Il-mara kellha dritt li tiret lill-ġenituri tagħha daqskemm kellhom ħutha subien. Madanakollu minħabba li r-responsabiltajiet tal-familja jaqgħu fuq ir-raġel, u t-tħassib tal-mara kien idur fuqha biss, is-sehem tagħha kellu jkun nofs dak ta' raġel meta qed nitkellmu dwar il-wirt ta' ġenituri mejtin.

Bl-istess mod omm kellu jkollha sehem mill-propjetà ta' binha (li jiġi nieqes), daqs il-missier. Minħabba ċirkostanzi differenti u n-natura tar-responsabiltajiet tagħha f'każijiet partikolari, daqqa kellu jkollha sehem daqs żewġha u daqqiet oħra kellu jkollha anqas minnu. Hija kellha tiret lil żewġha meta dan imut, irrilevanti jekk ikunx hemm tfal jew le, il-għaliex hija ma kellhiex tiġi kkundannata għal ħajja ta' dipendenza fuq l-oħrajn.

Iż-żwieġ tagħha (kien permessibbli li jsir dan) huwa, bla dubju ta' xejn, unjoni qaddisa u, wara li r-raġel u l-mara jkunu laħqu l-ogħla gradi ta' intimità bejniethom, tkun xi ħaġa verament mistmerra jekk din ikollha tisfuma fix-xejn. Madanakollu, ma jistax ikun li, anki wara li jkun hemm diverġenza tal-biża' fir-relazzjoni ta' bejniethom, jew minkejja li jkun hemm differenza kbira mil-lat reliġjuż, fiżiku, ekonomiku, soċjali, jew intellettwali bejniethom, huma jiġu sfurzati, għall-fini ta' din l-għaqda, li jeqirdu ħajjithom u joqtlu l-għan tal-eżistenza tagħhom.

Meta kienu jfiġġu dawn it-tip ta' problemi, u r-raġel u l-mara kienu jiftiehmu li ma setgħux jgħixu iżjed flimkien, setgħu (hekk kienu mgħallma),

b'kunsens reċiproku, iħassru dik l-unjoni. Iżda, madanakollu, jekk ikun ir-raġel li jkun jaħsibha hekk, u mhux il-mara, u jekk ma kienx jirnexxilhom isibu kompromess bejniethom, is-sitwazzjoni tagħhom kienet taqa' taħt kumitat ta' tnejn, wieħed jirrappreżenta lir-raġel u l-ieħor lill-mara. Jekk il-kumitat jiddeċiedi li ż-żewġ partijiet għandhom jagħmlu sforz ieħor mill-ġdid biex jgħixu flimkien, kien ikun ta' ġid għalihom li jirranġaw id-differenzi ta' bejniethom skont ir-rakkomandazzjonijiet tal-kumitat. Imbagħad, jekk is-sitwazzjoni tibqa' stagħnata, ir-raġel seta' jiddivorzja lil martu, imma f'dan il-każ huwa ma kienx ikollu dritt li jeħdilha kulma taha (qabel id-divorzju), inkluż il-valur sħiħ tal-mahr (il-ftehim taż-żwieġ).

Jekk, min-naħa l-oħra, tkun il-mara li titlob is-separazzjoni, u mhux ir-raġel, din għandha tapplika għand il-Qazi (l-Imħallef), u jekk il-Qazi jkun sodisfatt li ma jkunx hemm xi inċentiv inġust wara l-applikazzjoni tagħha, huwa għandu joħroġ il-permess għas-separazzjoni. Huwa biss f'dan il-każ li hija għandha tgħaddi dak kollu li jikkostitwixxi l-propjetà tar-raġel lura lilu, flimkien mal-valur tal-mahr (il-ftehim taż-żwieġ).

Jekk ir-raġel ma jkomplix iwettaq l-obbligazzjonijiet konjugali tiegħu, jew jieqaf ikellimha, jew jinsisti li jorqdu separatament, dan għandu jagħmlu biss għal perjodu qasir ta' żmien. Jekk jibqa' sejjer b'din l-imġiba għal erba' xhur, dan ikun kostrett li jew jirriforma ruħu jew inkella jiddivorzja lil martu. Jekk ir-raġel iwaqqaf il-manteniment lill-mara jew jitlaqha u ma jibqax jieħu ħsiebha, iż-żwieġ tagħhom għandu jiġi kkunsidrat bħala null u invalidu. (Il-ġuristi Musulmani allokaw perjodu ta' tliet snin bħala l-limitu għaż-żmien ta' abbandun). Il-mara mbagħad tkun libera li tiżżewweġ mill-ġdid.

Ir-raġel minn dejjem kellu r-responsabiltà tal-manteniment ta' martu u

wliedu. Kellu d-dritt jimplimenta biss dixxiplina meqjusa, u kieku din id-dixxiplina kellha tieħu l-forma ta' kastig, huwa suppost li jkollu x-xhieda proprja u jiddikjara l-ħtija tagħha u jibbaża l-ġudizzju tiegħu fuq l-evidenza. Il-kastig ma kellux iħalli konsegwenzi negattivi permanenti wara li jingħata.

Raġel ma jippossedix lil martu. Huwa ma jistax ibigħha, jew jużaha biss għall-istrapazz tax-xogħol tad-dar. Il-mara għandha tgawdi miegħu l-kumditajiet tad-dar, u l-mod ta' kif għandu jittrattaha jrid jikkorrispondi mal-pożizzjoni tiegħu fis-soċjetà. Trattament li jitqies aktar baxx mill-istatus li jkollu r-raġel huwa definittivament ħażin.

Mal-mewt ta' żewġha, in-nies tiegħu ma jkollhom l-ebda dritt fuqha. Hija tkun ħielsa, u jekk timmaterjalizza opportunità xierqa, ikollha d-dritt li tiżżewweġ mill-ġdid. Hadd ma kellu d-dritt li jwaqqafha milli tagħmel dan. Lanqas armla m'għandha tiġi sfurzata li tgħix f'post partikolari. Għandha tibqa' tgħix fid-dar ta' żewġha għal madwar erba' xhur u għaxart ijiem, ħalli dawk il-kundizzjonijiet li jistgħu jaffettwaw id-drittijiet tagħha jew dawk tal-qraba ta' żewġha, ikollhom żmien biżżejjed biex jimmanifestaw ruħhom.

Għal sena sħiħa wara li jiġi nieqes żewġha, il-mara, ma' dak kollu li kellha l-jedd għalih, kellu jkollha wkoll l-użu tad-dar ta' żewġha, ħalli hija tkun tista', minn dak li tħalla lilha, tagħmel l-arranġamenti meħtieġa għar-residenza tagħha.

Jekk ir-raġel iħoss li mhux qiegħed sew ma' martu, dan għandu jibqa' barra mid-dar, u mhux iġiegħel lil martu titlaq, għax ir-responsabiltà tal-persuni kollha fid-dar għandha tkun fdata f'idejn il-mara. Il-mara għandu jkollha s-sehem fit-trobbija tat-tfal u għalhekk għandha tiġi kkonsultata.

Fejn jidħlu t-tfal, l-interess tagħha m'għandu jiġi injorat bl-ebda mod. It-treddigħ tat-tfal, il-kura inġenerali tagħhom,

għandhom jiddependu fuq il-parir tagħha. Jekk ir-raġel u l-mara, wara li tkun għalihom impossibbli li jibqgħu jgħixu flimkien, jiddeċiedu li għandhom jisseparaw, il-kura tat-tfal żgħar għandha tiġi fdata lill-omm. Meta mbagħad jikbru, minħabba raġunijiet ta' edukazzjoni, dawn għandhom imorru lura ma' missierhom. Sakemm it-tfal jgħixu mal-omm, il-manteniment tagħhom għandu jieħu ħsiebu r-raġel. Il-missier għandu jħallas ukoll tal-ħin u tal-ħidma li l-omm tkun iddedikat lil uliedhom.

Il-mara, fil-qosor, kellu jkollha status indipendenti. Kellha tgawdi wkoll fil-ħajja spiritwali. Kellha tikseb għaliha nnifisha l-ogħla merti fil-ħajja wara l-mewt, u anki f'din il-ħajja setgħet tieħu servizz mid-dipartimenti differenti tal-amministrazzjoni ċivili. F'dan ir-rigward it-talbiet tagħha kellhom jiġu kkunsidrati bl-istess qies tar-raġel.

# IV

Dan hu t-tagħlim li l-Qaddis Profeta (il-paċi u l-barkiet ta' Alla jkunu fuqu) xandar fiż-żmien meta d-dinja kienet taħsibha għalkollox kontra. B'dawn l-ordnijiet, huwa llibera lin-nisa mill-iskjavitù li kien id-destin tagħhom għal eluf ta' snin, li fih kienu sfurzati f'kull pajjiż, u li kien il-madmad li kull reliġjon kienet toħnoq ma' għonqhom. Raġel wieħed, f'waqt wieħed, qata' f'biċċtejn dawn il-ktajjen kollha ta' serviliżmu! Minħabba li ġab il-libertà lill-ommijiet, huwa fl-istess ħin ħeles lit-tfal minn sentimenti servili, u nibbet l-ideat u t-tħeġġiġ għal ambizzjonijiet kbar u determinazzjoni qawwija!

Madanakollu, id-dinja m'għarfitux dan it-tagħlim. Dak li kellu jkun ta' ġid għal kulħadd tqies bħala despotiżmu. Id-divorzju u s-separazzjoni

baqgħu jitqiesu bħala gwerra bejn tnejn min-nies, il-wirt bħala mezz li jeqred il-familja, u l-indipendenza tal-mara bħala mod ieħor ta' kif wieħed iħarbat il-ħajja domestika. Għal elf u tliet mitt sena, baqgħet twaqqa' għaċ-ċajt, bl-għamad tagħha, il-veritajiet li dan ir-raġel li kien jifhem, ipprova jwassal lill-umanità għall-ġid tagħha stess. Baqgħet tikkundanna t-tagħlim tiegħu għax imur kontra n-natura tal-bniedem. Imbagħad wasal iż-żmien meta s-sbuħija tal-Kelma ta' Alla (trażmessa bis-saħħa tal-Qaddis Profeta) ġiet rivelata. Dawk il-popli li kienu jqisu lilhom infushom bħala l-kolonni taċ-ċiviltà bdew jobdu t-twissijiet utli tal-Qaddis Profeta. Kull wieħed minn dawn il-popli beda jibdel il-liġijiet tiegħu biex jikkonformaw aktar mal-prinċipji mgħallma mill-Qaddis Profeta Muħammad (il-paċi u l-barkiet ta' Alla jkunu fuqu).

Il-Liġi Ingliża, li kienet tqis l-imġiba ħażina, it-trattament krudili, u s-swat miż-żewġ naħat bħala kundizzjonijiet meħtieġa li jwasslu għad-divorzju, inbidlet fl-1923. Il-kondotta ħażina fiha nnifisha ġiet aċċettata mil-liġi l-ġdida bħala kundizzjoni suffiċjenti għat-teħid tad-divorzju.

New Zealand iddeċieda, fl-1912, li mara li tkun marida mentalment għal seba' snin, ikollha ż-żwieġ tagħha xolt. Imbagħad, fl-1925, ħarġet liġi li tgħid li jekk ir-raġel jew il-mara ma jaqdux l-obbligazzjonijiet konjugali tagħhom, mela jistgħu jingħataw id-divorzju jew is-separazzjoni. Jekk jgħaddu tliet snin mingħajr ma jkun hemm imħabba bejniethom, mela jista' jidħol id-divorzju. Ċertament din hija imitazzjoni tajba tal-ġuristi Musulmani, iżda magħmula wara 1,300 sena ta' attakki fuq l-Iżlam!

Fl-Istat Awstraljan ta' Queensland, il-mard mentali wara perjodu ta' ħames snin kien ikkunsidrat bħala raġuni valida għad-divorzju. Fit-Tażmanja għaddiet liġi fl-1919 li turi li l-imġiba ħażina, abbandun għal erba' snin, is-sokor, indifferenza għal tliet snin, il-priġunerija, is-swat

u l-ġenn għandhom ikunu, waħda u kollha, kundizzjonijiet suffiċjenti għad-divorzju. Ġewwa Victoria għaddiet liġi fl-1923 li tiddikjara li jekk raġel ma jiħux ħsieb ta' martu għal tliet snin, ikun ħati ta' mġiba skorretta, jirrifjuta li jagħtiha l-flus, jew jaħqarha, mela d-divorzju jkun possibbli. Aktar minn hekk, sar aċċettat li l-priġunerija, is-swat, l-imġiba ħażina min-naħa tal-mara, il-mard mentali, it-trattament inġust u l-ġlied kontinwu kollha kienu kundizzjonijiet suffiċjenti biex jingħataw id-divorzju jew is-separazzjoni.

Fil-Punent tal-Awstralja, barra l-liġijiet imsemmija hawn fuq, iż-żwieġ ta' mara li tkun diġà tqila, ġie meqjus bħala invalidu. (L-Iżlam ukoll huwa tal-istess fehma.)

Fil-gżira ta' Kuba ġie deċiż fl-1918 li l-isfurzar għal imġiba skorretta, is-swat, l-użu ta' kliem faħxi, l-akkuża ta' offiża kriminali, is-sokor, il-vizzju tal-logħob, l-iskartar tal-obbligi konjugali, in-nuqqas ta' provedimenti monetarji, il-mard kontaġjuż, jew il-ftehim reċiproku, kollha kienu raġunijiet validi għad-divorzju jew is-separazzjoni.

L-Italja ħarġet liġi fl-1919 fejn tat id-drittijiet kollha lill-mara fuq il-propjetà tagħha. Setgħet tagħti karità minnha jew tbigħha mingħajr indħil ta' ħadd (sa dak iż-żmien, fl-Ewropa, il-mara lanqas biss kienet rikonoxxuta bħala sidt il-propjetà tagħha stess).

Fil-Messiku wkoll dawn il-kundizzjonijiet ġew aċċettati biex jingħata d-divorzju. Barra minn hekk, jekk il-koppja tasal fi ftehim reċiproku d-divorzju seta' jingħata wkoll. Din il-liġi għaddiet fl-1917. Il-Portugall fl-1915, in-Norveġja fl-1909, l-Iżvezja fl-1920, u l-Iżvizzera fl-1912 għaddew liġijiet fejn id-divorzju u s-separazzjoni saru permessibbli. Fl-Iżvezja, missier huwa obbligat bil-liġi biex jipprovdi l-manteniment għal kull wild li jkollu għal mhux anqas minn tmintax-il sena.

Fl-Istati Uniti tal-Amerika, minkejja li l-liġi tal-pajjiż

għadha ssostni d-dritt tal-missier fuq uliedu, madanakollu fil-prattika l-imħallfin qed iqisu aktar is-sentimenti personali tal-ommijiet, u l-missier issa qed ikun sfurzat li jmantni lil uliedu (li jkunu jgħixu mal-omm). Hemm, bla dubju ta' xejn, ħafna żvantaġġi fil-liġi tagħhom. Għalkemm id-drittijiet tar-raġel qed ikunu aktar imħarsa, il-mara ngħatat il-libertà għad-drittijiet tagħha fuq il-propjetà. Fl-istess ħin, f'ħafna Stati, għaddiet liġi li jekk ir-raġel isir invalidu b'mod permanenti, mela għandha tkun il-mara li tipprovdi għalih.

In-nisa issa qed jingħataw ukoll il-jedd għall-vot, u toroq oħra qed jinfetħu fejn huma qed jingħataw il-vuċi anki fi kwistjonijiet ta' interess nazzjonali. Madanakollu dawn l-affarijiet qed iseħħu wara elf u tliet mitt sena minn mindu l-Qaddis Profeta (il-paċi u l-barkiet ta' Alla jkunu fuqu) beda jxandar it-tagħlim tiegħu. Għad hawn ħafna x'wieħed jirranġa. F'ħafna pajjiżi l-mara għad m'għandhiex sehem mill-wirt kemm tal-ġenituri tagħha kif ukoll ta' żewġha. Bl-istess mod, f'suġġetti oħra l-Iżlam ikompli jagħti direzzjoni lid-dinja, għalkemm id-dinja tibqa' indifferenti għal dan it-tagħlim. Madanakollu, mhuwiex daqshekk 'il bogħod il-waqt meta d-dinja tibda taċċetta l-istruzzjonijiet tal-Qaddis Profeta Muħammad (il-paċi u l-barkiet ta' Alla jkunu fuqu) f'dawn is-suġġetti bħalma għamlet f'oħrajn, u dawk li l-Qaddis Profeta Muħammad nieda fl-interess tal-libertà tal-mara jagħtu l-frott tagħhom ukoll.

اَللّٰهُمَّ صَلِّ عَلٰى مُحَمَّدٍ
وَّعَلٰى اٰلِ مُحَمَّدٍ كَمَا صَلَّيْتَ
عَلٰى اِبْرَاهِيْمَ وَعَلٰى اٰلِ اِبْرَاهِيْمَ
اِنَّكَ حَمِيْدٌ مَّجِيْدٌ ۝
اَللّٰهُمَّ بَارِكْ عَلٰى مُحَمَّدٍ وَّعَلٰى
اٰلِ مُحَمَّدٍ كَمَا بَارَكْتَ عَلٰى
اِبْرَاهِيْمَ وَعَلٰى اٰلِ اِبْرَاهِيْمَ
اِنَّكَ حَمِيْدٌ مَّجِيْدٌ ۝

*"O Alla, kun ħanin ma' Muħammad u ma' nies Muħammad, kif kont ħanin ma' Abraham u ma' nies Abraham. Tassew jistħoqqlok kull tifħir u glorja.*

*Bierek O Alla, lil Muħammad u l-poplu tiegħu kif int berikt lil Abraham u l-poplu tiegħu. Int tabilħaqq il-Glorjuż, dak li jistħoqqlu kull tifħir." [Il-Pubblikatur]*

Lealtà

Ħelsien

Rispett

Ugwaljanza

Paċi

"Imħabba għal kulħadd
Mibegħda għal ħadd"

AHMADIYYA MUSLIM JAMAAT MALTA

"Muhammad the Liberator of Women"
in Maltese Language.

Mob: +356 79320139
Tel: +356 27342401 / 21322105
Fax: +356 27322105
Email: amjmalta@gmail.com

www.ahmadija.org.mt
www.ahmadiyyamalta.org